MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 1/2000/1

**Nicholas Jensen Testaferrata f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu l-imsiefra Irene mart John Bache.**

**vs**

**Orazju Micallef u wara l-mewt tieghu l-atti kienu trasfuzi f'isem martu Nazzarena Micallef bhala uzufruttwarja u uliedu Saviour u Maria Dolores Vella ahwa Micallef u b'digriet tal-Bord tal-24 ta' Novembru 2000 kien kjamat in kawza Giuseppe Micallef.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid;

Illi l-esponent jikri lill-intimat l-art maghrufa bhala 'Ta' Misrah Mejjet' fil-limiti tal-Imgarr Malta tal-kejl superficjali ta' cirka wiehed u tletin (31) tomna versu l-kera (qbiela)

annwali ta’ lira Maltija (Lm1.0) pagabbli kull 15 t’Awissu, bl-iskadenza li jmiss taghlaq fil-15 t’Awissu 2000;

Illi l-intimat issulloka l-art in kwistjoni jew parti minnha lil terzi persuni, jew ippermetta l-art in kwistjoni jew parti minnha tigi wzata minn terzi persuni ghall-skopijiet estranei ghal dawk ghal liema hi mikrija u dan ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-esponenti;

Illi inoltre l-ntimat ghamel zvilupp fuq l-art in kwsitjoni jew ippermetta lil terzi persuni jaghmlu tali zvilupp billi nbnew diversi ta’ duri ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-esponenti;

Illi barra minn hekk l-intimat halla l-art in kwistjoni tiddegenera, b’mod partikolari billi halla l-iskart jingema’, u halla kmamar u hitan tas-sejjiegh jaqghu, kif ukoll fetah triq fuq l-istess art ad insaputa u minghajr kunsens tal-esponenti;

Ghaldaqstant in vizta tar-ragunijiet suesposti, l-esponenti proprio et nomine jitlob umilment lil dan il-Bord sabiex fl-iskadenza li tmiss jigi awtorizzat li ma jgeddidx il-lokazzjoni tal-art maghrufa bhala ‘ Ta# Misrah Mejjet’, il-limiti tal-Imgarr Malta tal-kejl ta’ cirka 31 tomna favur l-intimat u konsegwentement li jordna lill-istess intimat sabiex jivvaka l-istess proprjeta fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jiffissa;

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-intimat;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda. Dan in raguni ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

1. Ir-raba’ de quo konsistenti fi tletin (30) tomna cirka huma fil-bicca l-kbira xaghri u bicciet ohra li huma baghli u koltivabli;
2. Dan ir-raba’ ilu mqabbel lill-familja tal-esponenti ‘l fuq minn mitt sena. Originarjament kien f’idejn

Giuseppi Micallef in-nannu tal-esponenti. Dan kellu erbat itfal u cioe' Salvu missier l-esponenti, u tliet ulied ohra. Tnejn minnhom ma wrewx interess fir-raba u ghaddew sehemhom lil Salvu Micallef. It-tifel l-iehor zamm sehmu mir-raba' u llum din il-parti tinhadem minn ibnu Giuseppi Micallef;

3. Fil-parti xaghri minn din ir-raba' minn dejjem intuza ghall-insib u kacca;

4. Mill-bidunett tal-kirja kien hemm kamra delapidata u maz-zmien inbnew zewg kamrini ghaz-zamm fihom ta' ghoddod u ingenji tar-raba'

5. Illi kif inhu konswet l-ircevuta saret fuq persuna wahda izda dan ma jfissirx illi Giuseppi Micallef ma ghandux dritt fl-inkwilinat. Ghalhekk dan ghandu jigi kjamat fil-kawza ghax ghandu interess guridiku;

Semgha l-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi qed ikun rilevat ghal finijiet procedurali illi l-kjamat in kawza Giuzeppi Micallef ma ntavola ebda risposta ghar-rikors promutur;

Illi mill-provi mressqa jemergi illi din il-kirja si tratta ta' madwar wiehed u tletin tomna raba' li parti sostanzjali minnu huwa xaghri u ghalhekk mhux kollu jinhadem. Dawk il-partijiet li jinhadmu, izda, huma koltivati u ma hemm ebda ilmenti dwar dan mis-sid.

Ir-rikorrenti xehed illi din l-art messet lilu u lil ohtu wara divizzjoni bejn il-kugini tieghu. Fl-1999 mar jara din l-art u hemm innota dura kbira u minn kien fiha qallu li kien qed ihallas tletin lira maltin fis-sena lil Giuzeppi Micallef. F'mawriet sussegwenti innota li kien hemm duri ohra kif ukoll xbieki u meta mar appozitament kmieni fil-gurnata sab diversi nies fuq il-post jonsbu bi xbieki kif ukoll dura kbira b'diversi kmamar attrezzata bil-bibien, dawl, ilma u aerial tat-television. Innota ukoll li mghodija dejqa issa twessghet u minnha jistghu jghaddu vetturi. Hafna mill-

hitan tas-sejjieh kienu jinsabu fi stat delapitat. Dwar imbarazz u skart li kien hemm fir-raba, l-intimat kien wiegeb li ma kienx it-tort tieghu ghaliex ma setghax jikkontrolla l-art kollha u minkejja li intalab jnehhi dan l-iskart, xorta baqa' ma sar xejn. Ir-rikorrenti jghid li kien kellem liz-zewg intimati u kien offra li jirrikonoxxi lil Guzeppi Micallef basta ssir skrittura gdida u jitnehhew it-terzi li kienu qed juzaw l-art. Giuzeppi Micallef deher dispost izda Orazju Micallef irrifjuta.

L-intimat Orazju Micallef miet fil-mori tal-kawza u ma lahaqx xehed f'dawn il-proceduri. Iben l-intimat Saviour Micallef, izda, xehed illi r-raba' li kien jahdem missieru issa qed jinhadem minnu. Il-kugin ta' missieru, l-kjamat in kawza Giuzeppi Micallef jahdem il-parti tieghu, parti mill-istess art li kienet messet lilu wara' qasma bejn l-ahwa fi kwota ta' zewg terzi lill-Orazio Micallef u terz lil Giuzeppi Micallef. Huwa ghandu fil-pussess tieghu madwar ghoxrin tomna art li minnhom ghaxart itmiem jinhadmu u l-kumplament huwa xaghri. Huwa ghamel titjib sabiex dawk li jinhadmu ikollhom ukoll hazna sufficjenti ta' ilma. Saviour Micallef illum ghandu 'l fuq minn hamsin sena u ilu jiffrekwenta l-art ma' missieru minn mindu kellu ghaxar snin. Madwar hmistax-il sena ilu irranga ukoll dak il-parti xaghri billi zammu fin-natural tieghu u attrezzah b'sigar addattati. Dwar il-qbiela, xehed illi r-raba minn dejjem kien soggett ghal-hlas ta' lira maltija li minnhom huwa jhallas hamsa u sebghin centezmu ghaliex jahdem tlett partijiet filwaqt illi Giuzeppi Micallef ihallas hamsa u ghoxrin centezmu. Dan kien konxju minnu s-sid u kienet tinhareg ricevuta wahda. Saviour Micallef xehed li dan ir-raba' minn dejjem kien jinhadem. Ommu kienet trabbi l-fniek u missieru kien ukoll irabbi n-nahal fuq il-parti xaghri izda dan kien waqaf wara diversi ilmenti minn nies. Fejn qabel kien hemm madwar mitejn u hamsin diela issa hemm madwar disa mija, hamsin sigra tal-frott u sigar ohra fosthom taz-zebbug. Dwar il-kondizzjoni tal-ghalqa, x-xhud jghid li ghal snin twal kull meta mar ihallas lil Mario Galea Testaferrata kien jitlob permess biex jirranga, ad ezempju, kamra imwaqqa, izda is-sid kien jghidlu ma jmiss xejn ghaliex dalwaqt kienet ser issir qasma bejn l-ahwa. Dan ir-raba huwa cirkondat b'madwar erba' mitt

metru hajt izda fl-1943 il-militar kien dahal u bena xi kampijiet izda dawn qatt ma rriprestinaw il-hitan u kien hu stess li rega bnieh kwazi kollu.

Ir-rikorrenti ressaq bhala xhieda persuni li deherlu jew kellu suspett fihom li qieghed jikru l-uzu ta’ parti mill-art ghal skopijiet ta’ kacca. Luciano Mirabitur xehed illi huwa jaf lil Orazio Micallef izda cahad li jaf lil Giuzeppi Micallef. Bhala kaccatur huwa jmur l-aktar fir-raba’ tieghu stess limiti ta’ Fomm ir-Rih izda jghaddi ukoll mit-trejqa tal-art in kwistjoni minghajr ma jsaqsi ghall-permess ta’ hadd. Jiftakar li xi seba snin ilu kien ghaddej bis-senter u iltaqa’ mar-rikorrenti u staqsa min kien.

Joseph Micallef, il-kjamat in kawza, xehed illi mir-raba’ kollu huwa ghandu ghaxart itmiem izda minnu hemm biss tomnejn li jistghu jinhadmu ghaliex il-bqija huwa xaghri li qabel kien jintuza biex jirgha n-naghag u ghall-kacca. Illum la ghandu naghag u anqas baqa’ jmur ghall-kacca. Illum m’ghadx issir kacca minn hemm u qabel kien forsi ikun akkumpanjat minn hatnu, Spiridione Chetcuti. Dwar qbiela, Micallef qal li hu kien ihallas lil Orazio Micallef u kien jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-karozza peress li dan ried imur l-Mdina u z-Zejtun ihallas tal-qbiela lis-sidien, izda hu personalment qatt ma mar ihallas il-qbiela.

Ikkonsidra:

Illi mir-relazzjoni tal-periti membri esebita a fol 69 sa 72 tal-process jirrizulta illi f’dik il-porzjoni fil-pussess tal-intimat Saviour Micallef, ir-raba’ huwa ben utilizzat b’diversi ucuh kif ukoll sigar varji tal-frott u dwieli. Dwar ir-raba’ li qieghed jinhadem minn Giuzeppi Micallef, jirrizulta ukoll raba’ utillizzat u kienu notati zewg dwejjer, zewg kamrini tal-franka infurrati minn barra bis-sejjieh u dura tal-kacca u girna u hitan mwaqqghin, bir li jigma ilma mill-blat tax-xaghri.

Illi r-rikorrenti ghamlu diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-intimati u dan kif ravvizat fir-rikors promutur taghhom. Opportunament ikun ritenut il-principjiu illi min jallega irid jipprova sal-punt ta’ konvincement u f’dan il-kaz, jehtieg,

dwar l-ewwel allegazzjoni li jkun pruvat li l-intimat zvesta ruhu mill-pussess tar-raba favur terzi Per ezemplari, fil-kawza **Baruni Gino Trapani Galea Feriol pro et noe et vs Paola Deguara App 1.12.2004**, kien ritenut illi "talli prova mhux bizzejjed li tkun indizju jew probabilita' jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment illi l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt li juzufruwixxi mid-drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor – "**Concetta Theuma et vs Ir-Reverendu Dun Gwann Mercieca et" App 2- ta' Frar 1996".**; Mill-*iter* ta' din il-kawza baqa' nebuluz hafna il-hsieb tar-rikorrenti meta si tratta tal-allegazzjoni taghhom ta' sullokazzjoni tal-art jew parti minnha ghaliex jista' jkun hemm zewg aspetti ta' sullokazzjoni u cioe' l-ewwel wahda kwantu dik il-parti tal-art fil-pussess ta' Giuzeppi Micallef u t-tieni wahda kwantu l-uzu tal-art mill-kaccattur jew nasseb li r-rikorrenti jghid li informah li kien qed ihallas tletin lira maltin biex ikun jista' juza d-dura. Fil-kaz tal-ewwel ipotezi, l-intimat u l-kjamat in kawza spjegaw il-provenjenza tat-titolu ta' kera taghhom u kif gew li wiehed jipposjedi tlett partijiet u l-iehor parti biex b'hekk ihallsu flimkien is-somma ta' tletin lira maltija ghal qbiela fuq dan ir-raba'. Ir-rikorrenti saru sidien tar-raba' wara divizzjoni u pprocedew kontra l-intimat u l-kjamat in kawza wara ghexiren ta' snin li dawn jew l-ante causa taghhom kienu ilhom jikru l-art minghand is-sidien precedenti. Hu evidenti mill-provi akkwiziti illi r-rikorrenti ma kienux konsapevoli tal-fatti dwar din il-qbiela u hija l-fehma ta' dan il-Bord illi ma jistghux issa ir-rikorrenti jagixxu kontra l-intimati b'dan il-mod. L-istess irid jinghad dwar it-tieni ipotesi meta r-rikorrent jghid li iltaqa' ma guvni f'dura fir-raba u meta staqsieh x'kien qed jaghmel hemm qallu li kien qed ihallas tletin lira maltin fis-sena lil Giuzeppi Micallef. Min-nies kollha li ra fir-raba' qeghdin ghal kacca u jonsbu ma tressaq hadd minnhom u minkejja li r-rikorrenti kellhom kull opportunita' jistaqsu dan anke lil Giuzeppi Micallef waqt l-ezami tieghu, ma saret ebda domanda in rigward. Il-Bord ghalhekk hu tal-fehma illi l-allegazzjoni ta' sullokazzjoni ma tirrizultax pruvata kif rikjest mil-ligi;

Iz-zewg premessi rimarrenti huma ukoll destinati li jfallu. Bl-istess applikazzjoni tar-regola li min jallega irid jipprova, r-rikorrenti jghidu li inbnew diversi duri ad insaputa taghhom. Jirrizulta mill-provi illi r-rikorrenti saru sidien tal-art ghal incirka tal-1999 u f'Mejju 1999 ir-rikorrenti mar ifittex din l-art biex jara fejn hi. Bid-dikjarazzjoni tieghu stess r-rikorrenti qieghed jammetti illi jekk verament inbnew duri ad insaputa tieghu, l-intimati certament ma kellhom bzonn il-permess taghhom jekk huma ma kienux ghadhom sidien tal-art. Dwar jekk dawn kienux saru bil-kunsens tas-sidien precedenti ma jistax jinghad gialadarba l-istess sidien qatt ma ttellghu jixhdu;

Illi mir-relazzjoni tal-periti membri, kif gia inghad, jidher illi r-raba jinhadem, huwa ben koltivat. Kien Saviour Micallef, bin l-intimat Orazio Micallef, li ddikjara bil-gurament illi missieru kien ta' spiss jitlob lis-sidien sabiex jirranga kamra imgarrfa izda kien jghidlu biex ma jmiss xejn ghaliex dalwaqt kienet ser issir divizzjoni u ghalhekk kien applika mal-MEPA u ghamel it-tiswijiet ciononostante.

Illi ghalhekk, dan ir-rikors ma jistghax jintlaqa' u t-talbiet tar-rikorrenti qed ikunu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------